# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 21 ta' April 2021**

**Rik. Div. Nru : 426/2020 JPG**

**Kawza Nru : 20**

**RB**

**Vs**

**NBA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RB datat 21 ta' Dicembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Ara Dok A – Certifikat taz-zwieg anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda, KB, imwielda nhar X u li llum ghandha Y;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Joseph Debono mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014). (Ara Dok B anness);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li l-partijiet ilhom istt (6) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn/familji godda;*

*Illi l-esponenti dejjem hallas il-manteniment ghat-tifla fis-somma ta' mija u tmenin*

*ewro (eur180) kull xahar hekk skont il-kuntratt tas-separazzjoni bonarja bejniethom imsemmi aktar 'l fuq;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi qed jigi anness ukoll ma' dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrenti innifsu (Dok C anness);*

*Ghaldaqstant umilment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taz-zwieg li gie ċċelebrat fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għal daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' NBA datata 4 ta' Frar 2021, a fol 11 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti tikkontendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn erba' (4) snin isseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonċiljazzjoni.*

2. *Illi effettivament l-esponenti taqbel ukoll illi l-ebda manteniment m'huwa dovut lill-parti jew ohra fir-rigward taghhom jew tal-minuri KB u kwindi l-kondizzjonijiet rikjesti mill-ligi huma lkoll sodisfatti ghall-ottjeniment tad-divorzju.*

3. *Illi l-esponenti titlob umilment illi din l-Onor. Qorti jogħġobha tordna illi l-esponenti tkun tista' tirriverti lura għal kunjomha xebba sabiex isimha u kunjomha jkunu NA.*

4. *Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni u titlob li l-istess jigu akkollati lir-rikorrent.*

*Tant għandha x'tissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.*

Rat id-digriet taghha datat 9 ta' Marzu 2021 (vide fol 15);
Rat in-Nota ta' RB datata 16 ta' Marzu 2021 (vide fol 16);
Rat in-Nota ta' NBA datata 8 ta' April 2021 (vide fol 18);
Rat id-digriet taghha datat 16 ta' April 2021, li permezz tieghu din il-Qorti ghaddiet il-kawza ghas-sentenza (vide fol 19);
Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;
Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;
Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RB** xehed (vide affidavit fol 7) illi huwa u l-intimata izzewgu nhar l-1 ta' Mejju 2010 u li sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar it-28 ta' Jannar 2014. Sostna illi mid-data tas-separazzjoni sal-lum dejjem ghexu separati minn xulxin, qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Finalment ddikjara li minn dan iz-zwieg twieldet tifla fl-2011.

**NBA** xehdet (vide affidavit fol 13) u kkollaborat dak li xehed l-attur u ddikjarat illi taqbel mat-talbiet tal-attur. Di piu' hija uriet x-xewqa sabiex permezz ta' dawn il-proceduri tkun tista' tirreverti ghal kunjom xbubitha sabiex b'hekk jinqara A biss. Ikkonfermat illi rikonciljazzjoni bejniethom qatt ma kien hemm u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess stante li llum il-gurnata jghixu hajja totalment separata minn xulxin. Sostniet illi ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment dan peress li t-tifla ghamlet xi zmien tirrisjedi maghha fejn l-attur dejjem hallas ghall-manteniment, izda wara xi snin, it-tifla bdiet tirrisjedi ma' missierha u l-intimata kienet hallset *lump sum payment* bil-quddiem bhala manteniment ghal binthom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-1 ta' Mejju 2010, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 393/2010 (Vide c-certifikat taz-zwieg a fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla li ghadha minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono nhar 10 ta' Mejju 2017 (vide Dok B, kuntratt tas-separazzjoni fol 4 et

seqq.). Di piu', mill-atti u dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal ferm aktar miz-zmien rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti qieset t-talba tal-intimata NBA sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe, sabiex b'hekk isimha jaqra 'NA' u ma hemmx raguni il-ghaliex il-Qorti m'ghandhiex takkolji l-istess talba.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 393/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe, minn 'BA' jinbidel ghal 'A' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehiega.**

**Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**